

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 29/2009**  
**tas-16 ta' Jannar 2009**  
**li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-dejta għall-Ajru Uniku Ewropew**  
 (Test b'relevanza għaż-ŻEE)  
 (ĠU L 13, 17.1.2009, p. 3)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b>M1</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 441/2014 tat-30 ta' April 2014	L 130	37	1.5.2014
► <b>M2</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/310 tas-26 ta' Frar 2015	L 56	30	27.2.2015
► <b>M3</b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1170 tat-8 ta' Lulju 2019	L 183	6	9.7.2019

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 104, 24.4.2009, p. 58 (29/2009)

**▼B****REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 29/2009****tas-16 ta' Jannar 2009****li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-dejta għall-Ajru Uniku Ewropew****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)***Artikolu 1***Is-suġġett u l-ambitu**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-introduzzjoni kkoordinata tas-servizzi ta' kollegament tad-dejta bbażati fuq komunikazzjonijiet tad-dejta mill-ajru għall-art minn punt għall-ieħor (“*point-to-point*”) kif iddefiniti fl-Artikolu 2, punt 5.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għal:

- (a) sistemi li jipproċessaw id-dejta tat-titjiriet, il-kostitwenti tagħhom u l-proċeduri assoċjati magħhom, u sistemi ta' interazzjoni bejn il-bniedem u l-magni, il-kostitwenti tagħhom u l-proċeduri assoċjati magħhom li jaqdu l-unitajiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru li jipprovdu servizz lit-traffiku tal-ajru ġenerali;
- (b) kostitwenti tas-sistemi ta' interazzjoni bejn il-bniedem u l-magni li jinġarru fl-ajru u l-proċeduri assoċjati magħhom;
- (ċ) sistemi ta' komunikazzjoni mill-ajru għall-art, il-kostitwenti tagħhom u l-proċeduri assoċjati magħhom.

**▼M2**

3. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-titjiriet kollha li joperaw bħala traffiku tal-ajru ġenerali skont ir-regoli tat-titjir bl-istrumenti fl-ispazju tal-ajru 'l fuq minn FL285 definit fil-partijiet A u B tal-Anness I.

**▼B**

4. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru (minn hawn 'il quddiem imsejħa “fornituri ATS”) li jipprovdu servizzi lit-traffiku tal-ajru ġenerali fi ħdan l-ispazju tal-ajru msemmi fil-paragrafu 3 u b'konformità mad-dati ta' applikazzjoni rilevanti.

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004.

## ▼B

Għandhom japplikaw ukoll it-tifsiriet li ġejjin:

- (1) “servizz ta’ kollegament tad-dejta” tfisser sett ta’ tranżazzjonijiet dwar il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru li huma relatati, li huma appoġġjati minn komunikazzjonijiet ta’ kollegament tad-dejta mill-ajru għall-art, u li għandhom għan operattiv imfisser b’mod ċar u li jibdew u jintemmu ma’ avveniment operattiv;
- (2) “operatur” tfisser persuna, organizzazzjoni jew impriża involuta f’operazzjoni tal-inġenji tal-ajru jew li toffri li tkun involuta fiha;
- (3) “unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru” (minn hawn ’il quddiem imsejħa unità tal-“ATS”) tfisser unità ċivili jew militari responsabbli għall-forniment tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru;
- (4) “ftehim dwar il-livell tas-servizz” tfisser dik il-parti ta’ kuntratt tas-servizz bejn organizzazzjonijiet fejn jintlaħaq ftehim dwar ċertu livell ta’ servizz, b’mod partikulari b’rabta mal-kwalità u mal-prestazzjoni tas-servizz tal-komunikazzjoni tad-dejta;
- (5) “komunikazzjoni mill-ajru għall-art minn punt għall-ieħor” tfisser komunikazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet bejn inġenju tal-ajru u entità ta’ komunikazzjoni fuq l-art li sserraħ fuq sett ta’ funzjonijiet imqasma biex tikseb:
  - (a) it-trażmissjoni u r-riċeviment ta’ “*bit frames*” axxendenti (“*uplink*”) u dixxendenti (“*downlink*”) permezz ta’ kollegament mobbli tad-dejta bejn is-sistemi ta’ komunikazzjoni fuq l-art u dawk fl-inġenji tal-ajru;
  - (b) it-trażmissjoni u r-riċeviment ta’ unitajiet tad-dejta bejn sistemi fuq l-art u dawk fl-inġenji tal-ajru li jkollhom fihom l-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art:
    - (i) bit-trażmissjoni ta’ unitajiet tad-dejta mar-rotot kollha ta’ komunikazzjoni fuq l-art u mal-kollegamenti kollha mobbli tad-dejta;
    - (ii) bil-mekkaniżmi ta’ kooperazzjoni taż-żewġ itruf għat-trasport tal-unitajiet tad-dejta.
- (6) “inġenji tal-ajru Statali” tfisser kwalunkwe inġenju tal-ajru użat mill-militar, mid-dwana u mill-pulizija;
- (7) “inġenji tal-ajru Statali tat-trasport” tfisser inġenji tal-ajru Statali bil-ġwienaħ fissi li huma ddisinjati għall-ġarr ta’ persuni u/jew ta’ merkanzija;
- (8) “applikazzjoni mill-ajru għall-art” tfisser sett ta’ funzjonijiet ta’ kooperazzjoni mill-ajru għall-art li jappoġġjaw lis-servizzi tat-traffiku tal-ajru;

**▼ B**

- (9) “komunikazzjoni minn tarf għall-ieħor” tfisser it-trasferiment ta' informazzjoni bejn applikazzjonijiet mill-ajru għall-art korrispondenti;
- (10) “komunikazzjoni mill-ajru għall-art” tfisser komunikazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet bejn is-sistemi ta' komunikazzjoni tal-inġenji tal-ajru u dawk fuq l-art;
- (11) “politika ta' sigurtà” tfisser sett ta' objettivi, regoli dwar l-imġiba għall-utenti u l-amministraturi, u rekwiżiti għall-konfigurazzjoni u l-ġestjoni tas-sistemi li b'mod kollettiv huma maħsuba biex jissalvagwardjaw sistemi u riżorsi ta' komunikazzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-forniment ta' servizzi ta' kollegament tad-dejta minn atti ta' interferenza illegali;
- (12) “informazzjoni tal-indirizzar” tfisser informazzjoni relatata mas-sistema jew mal-indirizz tan-netwerk ta' xi entità li tkun qed tipparteċipa f'komunikazzjoni ta' kollegament tad-dejta mill-ajru għall-art, u li tippermetti ukoll li jiġi ddeterminat mingħajr ambigwi-tà fejn tinsab l-entità;
- (13) “sistema integrata għall-ipproċessar tal-pjan inizjali tat-titjira” (minn hawn 'il quddiem imsejħa “IFPS”) tfisser sistema fi ħdan in-Netwerk Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru li permezz tagħha jiġi pprovdut servizz iċċentralizzat ta' pproċessar u tqassim tal-ippjanar tat-titjiriet, li jittratta r-riċeviment, il-validazzjoni u t-tqassim tal-pjanijiet tat-titjiriet, fi ħdan l-ispazju tal-ajru kopert minn dan ir-Regolament;
- (14) “mhux operattiv” għal kostitwent li jinġarr fl-ajru tfisser li l-kostitwent ma jwettaqx il-funzjoni li għaliha jkun maħsub jew li b'mod konsistenti ma jkunx qed jaħdem fi ħdan il-limiti operattivi jew il-kriterji tat-tolleranza tiegħu.

*Artikolu 3***Is-servizzi ta' kollegament tad-dejta**

1. Il-fornituri tal-ATS għandhom jiżguraw li l-unitajiet tal-ATS li jipprovdu servizzi tat-traffiku tal-ajru fi ħdan l-ispazju tal-ajru msemmi fl-Artikolu 1(3) ikollhom il-kapaċità li jipprovdu u jħaddmu s-servizzi ta' kollegament tad-dejta ddefiniti fl-Anness II.

**▼ M2**

2. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, l-operaturi għandhom jiżguraw li l-inġenji tal-ajru li joperaw it-titjiriet imsemmija fl-Artikolu 1(3) għandhom il-kapaċità joperaw is-servizzi ta' kollegament tad-dejta definiti fl-Anness II mill-5 ta' Frar 2020.

**▼ M3**

3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għal:

- (a) inġenji tal-ajru li għandhom ċertifikat individwali tal-ajrunavigabbiltà li nħareġ għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 1995;

**▼ M3**

- (b) inġenji tal-ajru li għandhom ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà individwali li nħareġ għall-ewwel darba qabel il-31 ta' Diċembru 2003 u li jkunu se jieqfu joperaw fl-ispazju tal-ajru msemmi fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 1 qabel il-31 ta' Diċembru 2022;
- (c) inġenji tal-ajru li għandhom ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà individwali li nħareġ għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 2018 u li qabel dik id-data ġew mgħammra b'taġhmira ta' kollegament tad-*data* konformi mar-rekwiżiti ta' wieħed mid-dokumenti Eurocae speċifikati fil-punt 10 tal-Anness III;
- (d) inġenji tal-ajru b'kapaċità massima ċertifikata ta' postijiet bilqiegħda ta' 19-il passiġġier jew inqas u b'massa massima waqt it-tluġ ta' 45 359 kg (100 000 lbs) jew inqas, li għandhom ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà individwali li jkun inħareġ għall-ewwel darba qabel il-5 ta' Frar 2020;
- (e) Inġenji tal-ajru tal-Istat;
- (f) inġenji tal-ajru li jtiru fl-ispazju tal-ajru msemmi fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 1 għal għanijiet ta' ttestjar, ta' konsenja jew ta' manutenzjoni jew b'kostitwenti ta' kollegament tad-*data* li jkunu temporanjament mhux operattivi skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-lista applikabbli dwar it-taġhmira minimu meħtieġ skont il-punt 1 tal-Anness III.

**▼ M2**

4. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jattrezzaw inġenji tal-ajru tat-tip ta' trasport tal-Istat ġodda li jibdew joffru servizz wara l-1 ta' Jannar 2019, b'kapaċità ta' kollegament tad-dejta li tiddependi minn standards li ma humiex speċifiċi għar-rekwiżiti operattivi tal-militar, għandhom jiżguraw li dawk l-inġenji tal-ajru għandhom il-kapaċità joperaw is-servizzi ta' kollegament tad-dejta definiti fl-Anness II.

**▼ B***Artikolu 4***Il-proċeduri assoċjati**

Il-fornituri tal-ATS li jipprovdu servizzi tat-traffiku tal-ajru u l-operaturi li jużaw servizzi tat-traffiku tal-ajru appoġġjati mis-servizzi ta' kollegament tad-dejta ddefiniti fl-Anness II għandhom japplikaw proċeduri komuni standardizzati li jkunu konsistenti mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) għal:

- (a) it-twaqqif ta' komunikazzjonijiet ta' kollegament tad-dejta bejn il-kontrollur u l-bdot (minn hawn 'il quddiem imsejħin is-CPDLC);
- (b) l-iskambju ta' messaġġi operattivi tas-CPDLC;
- (c) it-trasferiment tas-CPDLC;
- (d) il-waqfien temporanju mill-użu ta' talbiet tas-CPDLC mill-bdot;
- (e) il-falliment u l-għeluq tas-CPDLC;
- (f) l-iffajljar ta' pjanijiet tat-titjira li jirrigwardaw informazzjoni dwar il-kapaċità tal-kollegament tad-dejta.



*Artikolu 5*

**L-obbligi tal-fornituri tal-ATS f'dak li għandu x'jaqsam mal-komunikazzjonijiet tal-kollegament tad-dejta**

1. Il-fornituri tal-ATS għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' fuq l-art imsemmija fl-Artikolu 1(2) u l-kostitwenti tagħhom jappoġġjaw l-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III.

2. Il-fornituri tal-ATS għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' fuq l-art imsemmija fl-Artikolu 1(2)(ċ) u l-kostitwenti tagħhom japplikaw komunikazzjonijiet minn tarf għall-ieħor f'konformità mar-rekwiżiti tal-Parti A tal-Anness IV għall-iskambji tad-dejta tal-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III.

3. Il-fornituri tal-ATS li jiddependu fuq organizzazzjonijiet oħrajn għall-forniment tas-servizzi ta' komunikazzjoni għall-iskambji tad-dejta mal-inġenji tal-ajru li huma meħtieġa għall-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III għandhom jiżguraw li dawn is-servizzi jiġu pprovduti skont it-termini u l-kundizzjonijiet ta' ftehim dwar il-livell tas-servizz li jinkludi b'mod partikulari:

- (a) id-deskrizzjoni tas-servizzi ta' komunikazzjoni skont ir-rekwiżiti tas-servizzi tal-kollegament tad-dejta ddefiniti fl-Anness II;
- (b) id-deskrizzjoni tal-polza tas-sigurtà implimentata biex tiżgura skambji tad-dejta tal-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art li huma ddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III;
- (ċ) il-materjal rilevanti li għandu jiġi pprovdut għall-monitoraġġ tal-kwalità tas-servizz u tal-prestazzjoni tas-servizzi ta' komunikazzjoni.

4. Il-fornituri tal-ATS għandhom jagħmlu arranġamenti adattati biex jiżguraw li jkunu jistgħu jiġu stabbiliti skambji tad-dejta mal-inġenji tal-ajru kollha li jittajru fl-ispazju tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tagħhom u li jkollhom il-kapaċità tal-kollegament tad-dejta f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, waqt li jitqiesu b'mod xieraq il-limitazzjonijiet ta' kopertura possibbli li jkunu inerenti għat-teknoloġija tal-komunikazzjoni użata.

5. Il-fornituri tal-ATS għandhom jimplementaw, fis-sistemi għall-ipproċessar tad-dejta dwar it-titjira tagħhom, il-proċessi ta' identifikazzjoni bil-quddiem ("*log on forward*") u tan-notifikazzjoni tal-awtorità li jkun imiss ("*next authority notification*") bejn l-unitajiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC) skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1032/2006<sup>(1)</sup> f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti għas-sistemi awtomatiċi għall-iskambju tad-dejta dwar it-titjir li jappoġġjaw is-servizzi ta' kollegament tad-dejta.

6. Il-fornituri tal-ATS għandhom iwettqu monitoraġġ tal-kwalità tas-servizz ta' servizzi ta' komunikazzjoni u jivverifikaw il-konformità tagħhom mal-livell ta' prestazzjoni meħtieġ għall-ambjent operattiv taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU L 186, 7.7.2006, p. 27. ĠU L 322 M, 2.12.2008, p. 228.

## ▼B

*Artikolu 6***L-obbligi tal-operaturi f'dak li għandu x'jaqsam mal-komunikazzjonijiet tal-kollegament tad-dejta**

1. L-operaturi għandhom jiżguraw li s-sistemi li jinġarru fl-ajru msemija fl-Artikolu 1(2)(ċ) u l-kostitwenti tagħhom installati abbord l-inġenji tal-ajru msemija fl- ►M3 Artikolu 3(2) ◀ jappoġġjaw l-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III.

2. L-operaturi għandhom jiżguraw li s-sistemi li jinġarru fl-ajru msemija fl-Artikolu 1(2)(ċ) u l-kostitwenti tagħhom installati abbord l-inġenji tal-ajru msemija fl- ►M3 Artikolu 3(2) ◀ japplikaw komunikazzjonijiet minn tarf għall-ieħor f'konformità mar-rekwiżiti tal-parti A tal-Anness IV għall-iskambji tad-dejta tal-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III.

3. L-operaturi għandhom jiżguraw li s-sistemi li jinġarru fl-ajru msemija fl-Artikolu 1(2)(ċ) u l-kostitwenti tagħhom installati abbord l-inġenji tal-ajru msemija fl- ►M3 Artikolu 3(2) ◀ japplikaw komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art f'konformità mar-rekwiżiti tal-Parti B jew tal-Parti C tal-Anness IV għall-iskambji tad-dejta tal-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III.

4. L-operaturi msemija fil-paragrafu 3 għandhom jagħmlu l-arranġamenti adattati biex jiżguraw li l-iskambji tad-dejta jkunu jistgħu jiġu stabbiliti bejn l-inġenji tal-ajru tagħhom li għandhom il-kapaċità ta' kollegament tad-dejta u l-unitajiet kollha tal-ATS li jistgħu jikkontrollaw it-titjiriet li huma joperaw fl-ispazju tal-ajru msemmi fl-Artikolu 1(3), waqt li jitqiesu b'mod xieraq il-limitazzjonijiet ta' kopertura possibbli li jkunu inerenti għat-teknoloġija tal-komunikazzjoni użata.

*Artikolu 7***L-obbligi ġenerali tal-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mal-komunikazzjonijiet tal-kollegament tad-dejta**

1. L-Istati Membri li jkunu ħatru fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru ddefinit fl-Artikolu 1(3) għandhom jiżguraw li servizzi ta' komunikazzjoni mill-ajru għall-art li japplikaw ir-rekwiżiti tal-Parti B tal-Anness IV jkunu disponibbli għall-operaturi għal inġenji tal-ajru li jittajru ġewwa dan l-ispazju tal-ajru taħt ir-responsabbiltà tagħhom għal skambji tad-dejta tal-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III, waqt li jitqiesu b'mod xieraq il-limitazzjonijiet ta' kopertura possibbli li jkunu inerenti għat-teknoloġija tal-komunikazzjoni użata.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u entitajiet oħra li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni jimplementaw polza tas-sigurtà adegwata għall-iskambji tad-dejta tas-servizzi tal-kollegament tad-dejta ddefiniti fl-Anness II, b'mod partikulari billi japplikaw regoli komuni tas-sigurtà biex jipproteġu r-riżorsi fiżiċi mqassmin li jappoġġjaw dawn l-iskambji tad-dejta.

**▼B**

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu japplikaw proċeduri armonizzati għall-ġestjoni tal-indirizzar tal-informazzjoni sabiex jiġu identifikati mingħajr ambigwià s-sistemi ta' komunikazzjoni fl-ajru u fuq l-art li jappoġġjaw l-iskambji tad-dejta tal-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III.

*Artikolu 8***Il-komunikazzjoni tal-kollegament tad-dejta għall-inġenji tal-ajru Statali tat-trasport**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi li jinġarru fl-ajru msemija fl-Artikolu 1(2)(c) u l-kostitwenti tagħhom installati abbord inġenji tal-ajru Statali tat-trasport imsemija fl- ► **M3** Artikolu 3(4) ◀ ikunu jappoġġjaw l-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi li jinġarru fl-ajru msemija fl-Artikolu 1(2)(c) u l-kostitwenti tagħhom installati abbord inġenji tal-ajru Statali tat-trasport imsemija fl- ► **M3** Artikolu 3(4) ◀ japplikaw komunikazzjonijiet minn tarf għall-ieħor f'konformità mar-rekwiżiti tal-Parti A tal-Anness IV għall-iskambji tad-dejta tal-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi li jinġarru fl-ajru msemija fl-Artikolu 1(2)(c) u l-kostitwenti tagħhom installati abbord inġenji tal-ajru Statali tat-trasport imsemija fl- ► **M3** Artikolu 3(4) ◀ japplikaw komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fil-Parti B jew fil-Parti Ċ tal-Anness IV għall-iskambji tad-dejta tal-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III.

*Artikolu 9***L-obbligi tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u ta' entitajiet oħrajn f'dak li għandu x'jaqsam mal-komunikazzjonijiet tal-kollegament tad-dejta**

Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u entitajiet oħra li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni għall-iskambji tad-dejta tal-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' fuq l-art imsemija fl-Artikolu 1(2)(c) japplikaw komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art f'konformità mar-rekwiżiti tal-Parti B jew tal-Parti Ċ tal-Anness IV.

*Artikolu 10***Ir-rekwiżiti tas-sikurezza**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kwalunkwe tibdiliet fis-sistemi eżistenti msemija fl-Artikolu 1(2) jew l-introduzzjoni ta' sistemi ġodda jsiru wara li l-partijiet ikkonċernati jkunu wettqu valutazzjoni tas-sikurezza, li tkun tinkludi l-identifikazzjoni tal-perikli, il-valutazzjoni tar-riskju u l-mitigazzjoni tar-riskju.





*Artikolu 11*

**Il-konformità jew l-adattament għall-użu tal-kostitwenti**

Qabel ma joħorġu dikjarazzjoni tal-KE dwar il-konformità jew dwar l-adattament għall-użu tal-kostitwenti, imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004, il-manifatturi tal-kostitwenti tas-sistemi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom stabbiliti fil-Komunità, għandhom jivvalutaw il-konformità jew l-adattament għall-użu ta' dawn il-kostitwenti f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V.

Il-proċessi taċ-ċertifikazzjoni tan-navigabbiltà li jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, meta jkunu applikati għall-kostitwenti li jinġarru fl-ajru msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) u (c) ta' dan ir-Regolament, għandhom jitqiesu bħala proċeduri aċċettabbli għall-valutazzjoni tal-konformità ta' dawn il-kostitwenti jekk dawn ikunu jinkludu t-turija ta' konformità mar-rekwiżiti tal-interoperabbiltà, tal-prestazzjoni u tas-sikurezza ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 12*

**Il-verifika tas-sistemi**

1. Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru li juru jew li wrew li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness VI għandhom iwettqu l-verifika tas-sistemi msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) u (c) f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti A tal-Anness VII.
2. Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru li ma jistgħux juru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness VI għandhom jagħtu b'sottokuntratt il-verifika tas-sistemi msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) u (c) lil korp innotifikat. Din il-verifika għandha titwettaq skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti B tal-Anness VII.

*Artikolu 13*

**Rekwiżiti addizzjonali**

1. Il-fornituri tal-ATS għandhom jiżguraw li l-iskambji tad-dejta mill-ajru għall-art tal-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III jkunu rreġistrati f'konformità mal-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (6), (7) u (8) tal-Anness III sakemm huma relatati mal-funzjoni ta' reġistrazzjoni tal-komunikazzjonijiet ta' kollegament tad-dejta bbażata fuq l-art.
2. Id-dokument tal-Eurocae speċifikat fil-punt 9 tal-Anness III għandu jitqies bħala mezz suffiċjenti ta' konformità fir-rigward tar-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni tal-iskambji tad-dejta mill-ajru għall-art imsemmija fl-ewwel subparagrafu u identifikati fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (6), (7) u (8) tal-Anness III.
3. Il-fornituri tal-ATS għandhom:
  - (a) jiżviluppaw u jżommu manwali tal-operazzjonijiet li jkun fihom l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni meħtieġa biex jippermettu lill-persunal ikkonċernat kollu japplika dan ir-Regolament;

**▼B**

(b) jiżguraw li l-manwali msemmija fil-punt (a) jkunu aċċessibbli u miżmuma aġġornati u li l-aġġornament u d-distribuzzjoni tagħhom ikunu suġġetti għal ġestjoni adegwata tal-kwalità u tal-konfigurazzjoni tad-dokumentazzjoni;

(ċ) jiżguraw li l-metodi ta' ħidma u l-proċeduri operattivi jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-servizz iċċentralizzat ta' pproċessar u tqassim tal-ippjanar tat-titjiriet:

(a) jiżviluppa u jżomm manwali tal-operazzjonijiet li jkun fihom l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni meħtieġa biex jippermettu lill-persunal ikkonċernat kollu japplika dan ir-Regolament;

(b) jiżgura li l-manwali msemmija fil-punt (a) jkunu aċċessibbli u miżmuma aġġornati u li l-aġġornament u d-distribuzzjoni jkunu suġġetti għal ġestjoni adegwata tal-kwalità u tal-konfigurazzjoni tad-dokumentazzjoni;

(ċ) jiżgura li l-metodi ta' ħidma u l-proċeduri operattivi jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

5. Il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għandhom jiżguraw li l-persunal ikkonċernat kollu jiġi mgħarraf dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti f'dan ir-Regolament fi żmien xieraq u li jitħarreġ b'mod adegwat għall-funzjonijiet tal-impjeg tiegħu.

6. L-operaturi għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persunal li jħaddem it-tagħmir tal-kollegament tad-dejta jiġi mgħarraf dwar dan ir-Regolament fi żmien xieraq u li jitħarreġ b'mod adegwat għall-funzjonijiet tal-impjeg tiegħu, u li fejn ikun vijabbli jkunu disponibbli fil-kabina tal-bdot struzzjonijiet dwar kif għandu jintuża t-tagħmir tal-kollegament tad-dejta.

7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persunal involut fl-ippjanar tat-titjira li jopera l-IFPS jiġi mgħarraf dwar ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament fi żmien xieraq u li jitħarreġ b'mod adegwat għall-funzjonijiet tal-impjeg tiegħu.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti dwar l-użu tas-servizzi tal-kollegament tad-dejta tiġi ppubblikata fil-pubblikazzjonijiet nazzjonali ta' informazzjoni dwar l-ajrunawtika.

*Artikolu 14***Eżenzjonijiet**

1. Meta ċirkustanzi partikulari, ibbażati fuq il-kriterji ddefiniti fil-paragrafu 3, iżommu inġenji tal-ajru ta' tipi speċifiċi milli jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012, informazzjoni ddettaljata li tiġġustifika l-ħtieġa għall-għoti ta' eżenzjonijiet lil dawn it-tipi ta' inġenji tal-ajru.

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rikjesti għall-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u għandha wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tadotta deċiżjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl- ► **M3** Artikolu 127(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139 ◀.

**▼M3**

3. Il-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu dawn li ġejjin:
- (a) kombinamenti ta' tipi/mudelli ta' inġenji tal-ajru, li jkunu waslu biex jilhqqu tmiem il-ħajja tal-produzzjoni tagħhom u li jiġu prodotti f'numri limitati; u
  - (b) kombinamenti ta' tipi/mudelli ta' inġenji tal-ajru li l-kostijiet meħtieġa biex dawn jerġgħu jitfasslu mill-ġdid tkun sproporzjonata minħabba li d-disinn ikun antik.

**▼B***Artikolu 15***Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika ►**M2** mill-5 ta' Frar 2018 ◀.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

**▼B***ANNEX I***L-ispazju tal-ajru msemmi fl-Artikolu 1(3)****IL-PARTI A**

L-ispazju tal-ajru msemmi ► **C1** l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1(3) ◀ għandu jinkludi l-ispazju tal-ajru 'l fuq minn FL 285 fir-Reġjuni ta' Informazzjoni dwar it-Titjir (I-FIR) u fir-Reġjuni ta' Informazzjoni dwar it-Titjir ta' aktar 'il fuq (I-UIR) li ġejjin:

- Amsterdam FIR,
- Wien FIR,
- Barcelona UIR,
- Brindisi UIR,
- Brussels UIR,
- Canarias UIR,
- France UIR,
- Hannover UIR,
- Lisboa UIR,
- London UIR,
- Madrid UIR,
- Milano UIR,
- Rhein UIR,
- Roma UIR,
- Scottish UIR,
- Shannon UIR.

**IL-PARTI B**

L-ispazju tal-ajru msemmi ► **C1** it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1(3) ◀ għandu jinkludi l-ispazju tal-ajru 'l fuq minn FL 285 iddefinit fil-parti A kif ukoll ir-Reġjuni ta' Informazzjoni dwar it-Titjir (I-FIR) u r-Reġjuni ta' Informazzjoni dwar it-Titjir ta' aktar 'il fuq (I-UIR) li ġejjin:

- Bratislava FIR,
- Bucuresti FIR,
- Budapest FIR,
- Kobenhavn FIR,
- Ljubljana FIR,
- Nicosia FIR,
- Praha FIR,
- Sofia FIR,
- Warszawa FIR,

**▼M2**

- Zagreb FIR,

**▼B**

- Finland UIR fin-nofsinar ta' 61°30',
- Hellas UIR,
- Malta UIR,
- Riga UIR,
- Sweden UIR fin-nofsinar ta' 61°30',
- Tallinn UIR,
- Vilnius UIR.



ANNEX II

**Definizzjoni tas-servizzi tal-kollegament tad-dejta msemmija fl-Artikoli 3, 4, 5 u 7 u fl-Anness IV**

1. *Definizzjoni tal-Kapaċità li jinbnew komunikazzjonijiet tal-kollegament tad-dejta (id-DLIC)*

Is-servizz tad-DLIC għandu jippermetti l-iskambju tal-informazzjoni neċessarja għat-twaqqif ta' komunikazzjonijiet tal-kollegament tad-dejta bejn is-sistemi tal-kollegament tad-dejta fuq l-art u dawk fl-inġenji tal-ajru.

Is-servizz tad-DLIC għandu jkun disponibbli biex jappoġġja:

- l-assoċjazzjoni mingħajr ambigwiżà tad-dejta dwar it-titjira mill-inġenju tal-ajru mad-dejta dwar il-pjan tat-titjira użata minn unità tal-ATS;
- l-iskambju tal-informazzjoni dwar it-tip u l-verzjoni tal-applikazzjoni mill-ajru għall-art li tkun appoġġjata;
- u l-l-kunsinna tal-informazzjoni tal-indirizzar tal-entità li jkollha fiha l-applikazzjoni.

L-iskambji bejn is-sistemi tal-kollegament tad-dejta li jinġarru fl-ajru u dawk ta' fuq l-art għat-tweqqif tas-servizz tad-DLIC għandhom jikkonformaw:

- mal-metodi operattivi, mal-figuri tas-sekwenza skont il-ħin u mal-messaġġi għall-bidu tad-DLIC u għall-funzjonijiet ta' kuntatt tad-DLIC speċifikati fis-sezzjoni 4.1 tad-dokument tal-Eurocae identifikat fil-punt (11) tal-Anness III;
- mar-rekwiżiti tas-sikurezza speċifikati fis-sezzjoni 4.2.2 tad-dokument tal-Eurocae identifikat fil-punt (11) tal-Anness III;
- mar-rekwiżiti tal-prestazzjoni speċifikati fis-sezzjoni 4.3.2 tad-dokument tal-Eurocae identifikat fil-punt (11) tal-Anness III.

2. *Definizzjoni tas-servizz tal-Ġestjoni tal-Komunikazzjonijiet tal-ATC (l-ACM)*

Is-servizz tal-ACM għandu jipprovdi assistenza awtomatizzata lill-ekwipaġġ tat-titjira u lill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru biex iwettqu t-trasferiment tal-komunikazzjonijiet tal-ATC (bil-vuċi u tad-dejta) li jinkludu:

- it-twaqqif fil-bidu tas-CPDLC ma' unità tal-ATS;
- it-trasferiment tas-CPDLC u tal-vuċi għal xi titjira minn unità waħda tal-ATS għall-unità tal-ATS li jkun imiss, jew l-istruzzjoni biex issir bidla fil-frekwenza tal-komunikazzjoni bil-vuċi fi ħdan unità jew settur tal-ATS;
- it-tmiem normali tas-CPDLC ma' unità tal-ATS.

L-iskambji bejn is-sistemi tal-kollegament tad-dejta li jinġarru fl-ajru u dawk ta' fuq l-art għat-tweqqif tas-servizz tal-ACM għandhom jikkonformaw:

- mal-metodi operattivi u mal-figuri tas-sekwenza skont il-ħin speċifikati fis-sezzjonijiet 5.1.1.1.1 sa 5.1.1.1.7 u 5.1.1.2 tad-dokument tal-Eurocae identifikat fil-punt (11) tal-Anness III;
- mar-rekwiżiti tas-sikurezza speċifikati fis-sezzjoni 5.1.2.3 tad-dokument tal-Eurocae identifikat fil-punt (11) tal-Anness III, ħlief għar-rekwiżiti relatati mal-awtorizzazzjoni dixxendenti;
- mar-rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-fażi ta' waqt ir-rota speċifikati fis-sezzjoni 5.1.3.2 tad-dokument tal-Eurocae identifikat fil-punt (11) tal-Anness III.

## ▼B

3. *Definizzjoni tas-servizz ta' awtorizzazzjoni u ta' informazzjoni tal-ATC (l-ACL)*

Is-servizz tal-ACL għandu jipprovdi lill-ekwipaġġi u lill-kontrolluri tat-titjira l-ħila li jwettqu skambji operattivi li jinkludu:

- t-talbiet u r-rapporti mill-ekwipaġġi tat-titjiriet lill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru;
- l-awtorizzazzjonijiet, l-istruzzjonijiet u n-notifiki maħruġin mill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru lill-ekwipaġġi tat-titjiriet.

L-iskambji bejn sistemi ta' kollegament tad-dejta li jinġarru fl-ajru u dawk ta' fuq l-art għat-tweqqi tas-servizz tal-ACL għandhom jikkonformaw:

- mal-metodi operattivi u mal-figuri tas-sekwenza skont il-ħin speċifikati fis-sezzjonijiet 5.2.1.1.1 sa 5.2.1.1.4 u 5.2.1.2 tad-dokument tal-Eurocae identifikat fil-punt (11) tal-Anness III;
- ma' subsett komuni tal-elementi tal-messaġġ speċifikati fis-sezzjoni 5.2.1.1.5 tad-dokument tal-Eurocae identifikat fil-punt (11) tal-Anness III kif adegwat għall-ambjent operattiv ta' waqt ir-rota;
- mar-rekwiżiti tas-sikurezza speċifikati fis-sezzjoni 5.2.2.3 tad-dokument tal-Eurocae identifikat fil-punt (11) tal-Anness III;
- mar-rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-fażi ta' waqt ir-rota speċifikati fis-sezzjoni 5.2.3.2 tad-dokument tal-Eurocae identifikat fil-punt (11) tal-Anness III.

4. *Definizzjoni tas-servizz ta' ċċekkjar tal-mikrofonu tal-ATC (l-AMC)*

Is-servizz tal-AMC għandu jipprovdi lill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru l-kapaċità li jibagħtu, fl-istess waqt, istruzzjoni lil diversi inġenji tal-ajru mgħammra b'taġħmir għall-kollegament tad-dejta, sabiex jordnaw lill-ekwipaġġi tat-titjiriet jivverifikaw li t-taġħmir ta' komunikazzjoni bil-vuċi taġħhom ma jkunx qed jimblokka xi frekwenza ta' komunikazzjoni bil-vuċi partikulari.

Din l-istruzzjoni għandha tinħareġ biss lil dawk l-inġenji tal-ajru ntunati fuq il-frekwenza li tkun imblukkata.

L-iskambji bejn sistemi tal-kollegament tad-dejta li jinġarru fl-ajru u dawk ta' fuq l-art għat-tweqqi tas-servizz tal-AMC għandhom jikkonformaw:

- mal-metodi operattivi u mal-figuri tas-sekwenza skont il-ħin speċifikati fis-sezzjonijiet 5.3.1.1.1 sa 5.3.1.1.2 u 5.3.1.2 tad-dokument tal-Eurocae identifikat fil-punt (11) tal-Anness III;
- mar-rekwiżiti tas-sikurezza speċifikati fis-sezzjoni 5.3.2.3 tad-dokument tal-Eurocae identifikat fil-punt (11) tal-Anness III;
- mar-rekwiżiti tal-prestazzjoni speċifikati fis-sezzjoni 5.3.3.2 tad-dokument tal-Eurocae identifikat fil-punt (11) tal-Anness III.

▼ M3

## ANNEX III

1. Il-punt ORO.MLR.105 tal-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jstabilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru, jew l-Anness 6 tal-ICAO — Operazzjoni ta' inġenji tal-ajru, Parti I, (Trasport Kummerċjali Internazzjonali bl-Ajru – Ajruplani) (II-11-il edizzjoni, Lulju 2018, li tinkorpora l-emenda 43), jew l-Anness 6 tal-ICAO — Operazzjoni ta' inġenji tal-ajru, Parti II (Avjazzjoni Ġenerali Internazzjonali – Ajruplani) (L-10 Edizzjoni, Lulju 2018, li tinkorpora l-emenda 36).
2. Kapitolu 3 — Network tat-Telekomunikazzjoni Ajrunawtika, Taqsima 3.5.1.1 “Ġestjoni tal-Kuntest” (CM) punti ta' applikazzjoni (a) u (b) tal-Anness 10 tal-ICAO — Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi — Volum III, Parti I (Sistemi ta' Komunikazzjoni ta' *Data* Diġitali) (It-tieni edizzjoni, Lulju 2007, li tinkorpora l-emendi 70-82).
3. Kapitolu 3 — Network tat-Telekomunikazzjoni Ajrunawtika, Taqsima 3.5.2.2 “Komunikazzjonijiet b'Kollegament tad-*Data* bejn il-Kontrollur u l-Bdot” (CPDLC) il-punti ta' applikazzjoni (a) u (b) tal-Anness 10 tal-ICAO — Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi — Volum III, Parti I (Sistemi ta' Komunikazzjoni ta' *Data* Diġitali) (It-tieni edizzjoni, Lulju 2007, li tinkorpora l-emendi 70-82).
4. Kapitolu 3 — Network tat-Telekomunikazzjoni Ajrunawtika, Taqsimiet 3.3, 3.4 u 3.6 tal-Anness 10 tal-ICAO — Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi — Volum III, Parti I (Sistemi ta' Komunikazzjoni ta' *Data* Diġitali) (It-tieni edizzjoni, Lulju 2007, li tinkorpora l-emendi 70-82).
5. Kapitolu 6 — Kollegament diġitali VHF mill-ajru għall-art (VDL) tal-Anness 10 tal-ICAO — Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi — Volum III, Parti I (Sistemi ta' Komunikazzjoni ta' *Data* Diġitali) (It-tieni edizzjoni, Lulju 2007, li tinkorpora l-emenda 90).
6. Kapitolu 3 — Proċeduri ġenerali għas-servizz internazzjonali tat-telekomunikazzjoni ajrunawtika, Taqsima 3.5.1.5 tal-Anness 10 tal-ICAO — Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi — Volum II (Proċeduri ta' Komunikazzjoni inklużi daww bi status ta' PANS) (Is-Seba' edizzjoni, Lulju 2016, li tinkorpora l-emendi 40-90).
7. Kapitolu 2 — Ġenerali — Taqsima 2.26.3 tal-Anness 11 tal-ICAO — Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru (L-14-il edizzjoni, Lulju 2016, li tinkorpora l-emenda 50-A).
8. Kapitolu 6 — Rekwiżiti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għall-komunikazzjonijiet — Taqsima 6.1.1.2, tal-Anness 11 tal-ICAO — Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru (L-14-il edizzjoni, Lulju 2016, li tinkorpora l-emenda 50-A).
9. Eurocae ED-111, Speċifikazzjonijiet funzjonali għar-reġistrazzjoni fuq l-art CNS/ATM, Lulju 2002, inklużi l-Emenda 1 (30.7.2003).
10. Eurocae ED-100 (Settembru 2000) u ED-100A (April 2005), Rekwiżiti ta' Interoperabbiltà għal applikazzjonijiet ATS li jużaw Komunikazzjonijiet tad-*Data* ARINC 622.
11. Eurocae ED-120 Standard tar-Rekwiżiti tas-Sikurezza u tal-Prestazzjoni għas-Servizzi ta' Kollegament tad-*data* tat-Traffiku tal-Ajru fl-Ispazju tal-Ajru Kontinentali', ippubblikat f'Mejju 2004, inklużi l-Bidla nru 1, ippubblikata f'April 2007, u l-Bidla nru 2, ippubblikata f'Ottubru 2007.



ANNEX IV

**Ir-rekwiżiti msemminj fl-Artikoli 5, 6, 7, 8 u 9**

**II-Parti A: Ir-rekwiżiti tal-komunikazzjonijiet minn tarf għall-ieħor**

1. Il-komunikazzjonijiet minn tarf għall-ieħor għandhom jiżguraw il-forniment u l-użu ta' servizzi ta' komunikazzjoni mingħajr problemi fl-ispazju tal-ajru msemmi fl-Artikolu 1(3).
2. Il-komunikazzjonijiet minn tarf għall-ieħor għandhom jappoġġaw l-iskambju ta' messaġġi b'appoġġ għas-servizzi ta' kollegament tad-dejta ddefiniti fl-Anness II, f'konformità ma' sett komuni ta' messaġġi standardizzati.
3. Il-komunikazzjonijiet minn tarf għall-ieħor għandhom jappoġġaw mekkaniżmu komuni u standardizzati ta' protezzjoni minn tarf għall-ieħor biex jiżguraw l-integrità tal-messaġġi riċevuti b'konsistenza mar-rekwiżiti tas-sikurezza tas-servizzi tal-kollegament tad-dejta ddefiniti fl-Anness II.

**II-Parti B: Ir-rekwiżiti tal-komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art ibbażati fuq l-ATN u l-VDL Mode 2**

1. Il-komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art għandhom ikunu ddisinjati biex jappoġġaw il-komunikazzjonijiet minn tarf għall-ieħor u biex jiżguraw il-forniment u l-użu ta' servizzi ta' komunikazzjoni mingħajr problemi għall-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III fl-ispazju tal-ajru msemmi fl-Artikolu 1(3).
2. Il-komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza u tal-prestazzjoni tas-servizzi tal-kollegament tad-dejta ddefiniti fl-Anness II.
3. Il-komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art għandhom ikunu bbażati fuq skema komuni ta' indirizzar.
4. It-trażmissjoni u r-riċeviment ta' unitajiet tad-dejta bejn is-sistemi ta' fuq l-art u dawk fl-inġenji tal-ajru li jkollhom fihom l-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III għandhom ikunu bbażati fuq protokoll tal-komunikazzjoni li jkun konformi mal-istandards tal-ICAO li jiddefinixxu n-Netzwerk għat-Telekomunikazzjoni Ajrunawtika li hemm referenza għalih fil-punt (4) tal-Anness III.
5. Il-karatteristiċi tas-sistemi ta' komunikazzjoni ta' fuq l-art u dawk fl-inġenji tal-ajru u t-trażmissjoni u r-riċeviment ta' "bit frames" bejn is-sistemi ta' komunikazzjoni ta' fuq l-art u dawk fl-inġenji tal-ajru għandhom ikunu konformi mal-istandards tal-ICAO li jiddefinixxu l-kollegament diġitali ta' frekwenza għolja ħafna, il-VDL Mode 2, li hemm referenza għalih fil-punt (5) tal-Anness III.

**II-Parti Ċ: Ir-rekwiżiti tal-komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art ibbażati fuq protokoll oħrajn tal-komunikazzjoni**

1. Il-komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art għandhom ikunu ddisinjati biex jappoġġaw il-komunikazzjonijiet minn tarf għall-ieħor u biex jiżguraw il-forniment u l-użu ta' servizzi ta' komunikazzjoni mingħajr problemi għall-applikazzjonijiet mill-ajru għall-art iddefiniti fl-istandards tal-ICAO speċifikati fil-punti (2) u (3) tal-Anness III fl-ispazju tal-ajru msemmi fl-Artikolu 1(3).
2. Il-komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza u tal-prestazzjoni tas-servizzi tal-kollegament tad-dejta ddefiniti fl-Anness II.
3. Il-komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art għandhom ikunu bbażati fuq skema komuni ta' indirizzar.



**▼B**

4. It-trażmissjoni u r-riċeviment ta' "*bit frames*" bejn is-sistemi ta' komunikazzjoni ta' fuq l-art u dawk fl-inġenji tal-ajru għandhom ikunu bbażati fuq protokoll tal-komunikazzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-parti D.

**Il-Parti D: Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-Parti Ċ**

1. Il-protokoll tal-komunikazzjoni jridu jappoġġaw il-komunikazzjonijiet minn tarf għall-ieħor.
2. Il-protokoll tal-komunikazzjoni jridu jkunu suġġetti għal każ tas-sikurezza biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza u tal-prestazzjoni tas-servizzi tal-kollegament tad-dejta ddefiniti fl-Anness II.
3. Il-protokoll tal-komunikazzjoni jridu jappoġġaw il-komunikazzjonijiet minn punt għall-ieħor u fiż-żewġ direzzjonijiet bl-użu ta' dawk il-partijiet tal-ispettru tal-frekwenzi tar-radju identifikati mill-ICAO bħala adegwati għall-komunikazzjonijiet tad-dejta mill-ajru għall-art b'appoġġ għas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.
4. Il-protokoll tal-komunikazzjoni jridu jinkludu mekkaniżmu biex il-konnettività mobbli bejn l-istazzjonijiet ta' fuq l-art u dawk li jinġarru fl-ajru tkun amministrata b'mod trasparenti.
5. Il-protokoll tal-komunikazzjoni jridu jkunu specificati u vvalidati fir-rigward tar-regolamenti dwar in-navigabbiltà u r-regolamenti dwar l-approvazzjoni tal-operat li huma applikabbli għat-tagħmir tal-komunikazzjoni tal-inġenji tal-ajru.
6. Is-sistemi tal-komunikazzjoni li jappoġġaw dawn il-protokoll ma jridux joħlqu effetti negattivi fuq l-istazzjonijiet li jinġarru fl-ajru jew dawk ta' fuq l-art li jappoġġaw il-VDL 2.



## ANNEX V

**Ir-reqwiziti tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 11 tal-konformità jew tal-addattament għall-użu tal-kostitwenti**

1. L-attivitajiet ta' verifika għandhom juru l-konformità jew l-addattament għall-użu tal-kostitwenti li jimplementaw is-servizzi tal-kollegament tad-dejta, il-komunikazzjonijiet minn tarf għall-ieħor u l-komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art mar-reqwiziti applikabbli ta' dan ir-Regolament waqt li dawn il-kostitwenti jkunu qed jitħaddmu fl-ambjent ta' ttestjar.
2. Il-manifattur għandu jamministra l-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità u b'mod partikulari għandu:
  - jiddetermina l-ambjent ta' ttestjar adattat;
  - jivverifika li l-pjan ta' ttestjar jiddeskrivi l-kostitwenti fl-ambjent ta' ttestjar;
  - jivverifika li l-pjan ta' ttestjar jipprovdi kopertura sħiħa tar-reqwiziti applikabbli;
  - jiżgura l-konsistenza u l-kwalità tad-dokumentazzjoni teknika u tal-pjan ta' ttestjar;
  - jippjana l-organizzazzjoni tat-test, tal-persunal, tal-istallazzjoni u tal-konfigurazzjoni tal-pjattaforma tat-testijiet;
  - iwettaq l-ispezzjonijiet u t-testijiet kif speċifikat fil-pjan ta' ttestjar;
  - jikteb ir-rapport bir-riżultati tal-ispezzjonijiet u tat-testijiet.
3. Il-manifattur għandu jiżgura li l-kostitwenti li jimplementaw is-servizzi tal-kollegament tad-dejta, il-komunikazzjonijiet minn tarf għall-ieħor u l-komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art li jkunu integrati fl-ambjent ta' ttestjar jissodisfaw ir-reqwiziti applikabbli ta' dan ir-Regolament.
4. Wara li jkun issodisfa t-tlestija tal-verifika tal-konformità jew tal-addattament għall-użu, il-manifattur għandu, taħt ir-responsabbiltà tiegħu, jimla d-dikjarazzjoni tal-KE dwar il-konformità jew l-addattament għall-użu, li tispeċifika b'mod partikulari r-reqwiziti applikabbli ta' dan ir-Regolament li jkunu ġew issodisfati mill-kostitwent u l-kundizzjonijiet tal-użu assoċjati miegħu f'konformità mal-punt (3) tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 552/2004.

*ANNEX VI***Il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12**

1. Il-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għandu jkollu implimentati metodi ta' rrapportar fi ħdan l-organizzazzjoni li jiżguraw u juru l-imparzjalità u l-indipendenza tal-ġudizzju fir-rigward tal-attivitajiet ta' verifika.
2. Il-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru jrid jiżgura li l-persunal involut fil-proċessi ta' verifika jwettaq il-kontrolli bl-ikbar inetgrià professjonali possibbli u bl-iktar kompetenza teknika possibbli u li dan ikun ħieles minn kwalunkwe pressjoni jew inċentiv, b'mod partikulari ta' tip finanzjarju, li jista' jaffettwa l-ġudizzju tiegħu jew ir-riżultati tal-kontrolli tiegħu, b'mod partikulari minn persuni jew minn gruppi ta' persuni milquta mir-riżultati tal-kontrolli.
3. Il-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru jrid jiżgura li l-persunal involut fil-proċessi ta' verifika jkollu aċċess għat-tagħmir li jippermettilu li jwettaq sew il-kontrolli meħtieġa.
4. Il-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru jrid jiżgura li l-persunal involut fil-proċessi ta' verifika jkollu taħriġ tekniku u vokazzjonali tajjeb, għarfien sodisfaċenti tar-rekwiżiti tal-verifiki li jrid iwettaq, esperjenza adegwata tat-tali ħidmiet, u l-ħila meħtieġa biex iħejji d-dikjarazzjonijiet, ir-reġistri u r-rapporti biex juri li l-verifiki jkunu twettqu.
5. Il-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru jrid jiżgura li l-persunal involut fil-proċessi ta' verifika jkun kapaċi jwettaq il-kontrolli tiegħu b'imparzjalità. Il-ħlas tiegħu m'għandux jiddependi fuq l-għadd ta' kontrolli mwettqa, jew fuq ir-riżultati tat-tali kontrolli.



*ANNEX VII*

**Il-Parti A: Ir-reqwiżiti tal-verifika tas-sistemi msemmija fl-Artikolu 12(1)**

1. Il-verifika tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) għandha turi l-konformità ta' dawn is-sistemi mar-reqwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament f'ambjent ta' valutazzjoni li jirrifletti l-kuntest operattiv ta' dawn is-sistemi.
2. Il-verifika tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) għandha titwettaq f'konformità ma' prattiki ta' ttestjar adattati u rrikonoxxuti.
3. L-għodod ta' ttestjar użati għall-verifika tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) għandu jkollhom funzjonalitajiet adattati.
4. Il-verifika tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) għandha tipproduċi l-elementi tal-fajl tekniku mitlub mill-punt (3) tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 552/2004, inklużi l-elementi li ġejjin:
  - deskrizzjoni tal-implimentazzjoni;
  - ir-rapport tal-ispezzjonijiet u tat-testijiet magħmula qabel id-dħul tas-sistema fis-servizz.
5. Il-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għandu jamministra l-attivitajiet tal-verifika u b'mod partikulari għandu:
  - jiddetermina l-ambjent adattat operattiv u tekniku tal-valutazzjoni li jirrifletti l-ambjent operattiv;
  - jivverifika li l-pjan ta' ttestjar jiddeskrivi l-integrazzjoni tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) f'ambjent operattiv u tekniku ta' valutazzjoni;
  - jivverifika li l-pjan ta' ttestjar jipprovdi kopertura sħiħa tar-reqwiżiti tal-interoperabbiltà u tal-prestazzjoni ta' dan ir-Regolament;
  - jiżgura l-konsistenza u l-kwalità tad-dokumentazzjoni teknika u tal-pjan ta' ttestjar;
  - jippjana l-organizzazzjoni tat-test, tal-persunal, tal-istallazzjoni u tal-konfigurazzjoni tal-pjattaforma tat-testijiet;
  - iwettaq l-ispezzjonijiet u t-testijiet kif speċifikat fil-pjan ta' ttestjar;
  - jikteb ir-rapport bir-riżultati tal-ispezzjonijiet u tat-testijiet.
6. Il-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għandu jiżgura li s-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) li jitħaddmu f'ambjent operattiv ta' valutazzjoni jkun u jissodisfaw ir-reqwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament.
7. Wara li lesta b'suċċess il-verifika tal-konformità, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għandhom jimlew id-dikjarazzjoni tal-KE dwar il-verifika tas-sistema u jibagħtuha lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza flimkien mal-fajl tekniku kif mitlub mill-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004.

**▼B****Il-Parti B: Ir-rekwiżiti tal-verifika tas-sistemi msemmija fl-Artikolu 12(2)**

1. Il-verifika tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) għandha turi l-konformità ta' dawn is-sistemi mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament f'ambjent ta' valutazzjoni li jirrifletti l-kuntest operattiv ta' dawn is-sistemi.
2. Il-verifika tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) għandha titwettaq f'konformità ma' prattiki ta' ttestjar adattati u rikonoxxuti.
3. L-għodod ta' ttestjar użati għall-verifika tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) għandu jkollhom funzjonalitajiet adattati.
4. Il-verifika tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) għandha tipproduċi l-elementi tal-fajl tekniku mitlub mill-punt (3) tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 552/2004, inklużi l-elementi li ġejjin:
  - deskrizzjoni tal-implimentazzjoni;
  - ir-rapport tal-ispezzjonijiet u t-testijiet li jkunu saru qabel id-dħul tas-sistema fis-servizz.
5. Il-fornitur ta' servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għandu jiddetermina l-ambjent adattat operattiv u tekniku ta' valutazzjoni li jkun jirrifletti l-ambjent operattiv ta' dawn is-sistemi u għandu jkollu l-attivitajiet ta' verifika mwettqa minn korp innotifikat.
6. Il-korp innotifikat għandu jamministra l-attivitajiet ta' verifika u b'mod partikulari għandu:
  - jivverifika li l-pjan ta' ttestjar jiddeskrivi l-integrazzjoni tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) f'ambjent operattiv u tekniku ta' valutazzjoni;
  - jivverifika li l-pjan ta' ttestjar jipprovdi kopertura sħiħa tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;
  - jiżgura l-konsistenza u l-kwalità tad-dokumentazzjoni teknika u tal-pjan ta' ttestjar;
  - jippjana l-organizzazzjoni tat-test, tal-persunal, tal-istallazzjoni u tal-konfigurazzjoni tal-pjattaforma tat-testijiet;
  - iwettaq l-ispezzjonijiet u t-testijiet kif speċifikat fil-pjan ta' ttestjar;
  - jikteb ir-rapport bir-riżultati tal-ispezzjonijiet u tat-testijiet.
7. Il-korp innotifikat għandu jiżgura li s-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) li jiġihaddmu f'ambjent operattiv ta' valutazzjoni jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament.
8. Wara li jkun lesta b'suċċess il-ħidmiet tal-verifika, il-korp innotifikat għandu jħejji ċertifikat ta' konformità fir-rigward tal-kompiti li jkun wettaq.
9. Imbagħad, il-fornitur ta' servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru għandu jimla d-dikjarazzjoni tal-KE dwar il-verifika tas-sistema u jibgħatha lill-awtorità nazjonali ta' sorveljanza flimkien mal-fajl tekniku kif mitlub mill-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004.